A.L. 59 ta' l-2003

ATT TA' L-2003 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2003)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm35,000,000 5.4% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2010 (Ir-Raba' Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix il-Lm35,000,000 5.4% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:–

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. *Policy* dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

3. Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* ma għandhiex teċċedi Lm35,000,000. Somma ta' flus li għandha tinġabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.70,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-21 ta' Frar u fil-21 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn it-22 ta' Frar, 2003 u l-21 ta' Awissu, 2003 jsir fil-21 ta' Awissu, 2003. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fil-21 ta' Frar, 2010. Fidwa ta' *Stock*.